MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 25

12 ta' April 2021

Minuti tas-seduta Nru. 25 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar it-Tnejn 12 ta' April 2021 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 24, li saret fis-16 ta' Marzu 2021, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Ipparkjar fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (T/3/2/Vol XVI)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 5.12.1. tas-seduta preċedenti dwar it-twaħħil ta' *bollards* ftit 'il barra mill-bankina ta' quddiem l-istabbiliment "Valyou", kif ukoll dwar l-ispustjar tal-linji sofor doppji eżistenti sabiex jiġu 'l barra mill-istess *bollards*.

2.1.3. Fi tweġiba mogħtija minn Transport Malta intqal li twaħħil ta' *bollards* fil-livell tat-triq jitqies bħala ostakolu u għallhekk huma llegali. Għaldaqstant huma jikkonsidrawha bħala sitwazzjoni li għandha tiġi trattata bl-infurzar tar-regolamenti permezz tal-uffiċjali tal-komunità, filwaqt li alternattiva oħra tista' tkun it-twessiegħ tal-bankina, bil-għan li tidjieq it-triq.

2.1.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li t-twessiegħ tal-bankina jikkawża problemi fid-dħul għall-parkeġġ, filwaqt li jnaqqas it-*turning circle* tal-vetturi li jipparkjaw fuq in-naħa ta' Triq il-Kbira.

2.1.5. Il-Kunsillier M. Abela qal li l-Pulizija tal-Komunità regolarment jagħmlu r-ronda u kontravvenjonijiet jiġu reġistrati.

2.1.6. Il-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar u I. Castillo tennew il-fehma li s-*service road* (Triq l-Iżbark tal-Franċiżi) għandha ssir *one-way* bi dħul minn Triq il-Fortizza, filwaqt li jsiru il-*bollards* fuq il-bankina, ħalli jkun diffiċli li jinżlu passiġġieri minn vetturi li jieqfu hemmhekk. B'rabta ma' din il-miżura, Triq in-Nases għandha tiġi *one-way* ukoll.

2.1.7. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li għandha tiġi kkunsidrata l-alternattiva tal-*camera* sabiex jiġi kkontrollat il-waqfien bil-ħin eż: 2 minuti.

2.1.8. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li jista' ikun il-każ li l-installazzjoni ta' cameras tat-tip indikati fil-minuta 2.1.7. huma prerogattiva ta' Transport Malta, bħal fil-każ tal-i*speed cameras*. Huwa qal ukoll li b'dan il-mod xorta waħda ma jintlaħaqx l-għan mixtieq, għaliex ċertament li s-sitwazzjoni tibqa' l-istess, b'vetturi jiġu pparkjati għal ftit ħin, titlaq vettura u eżattament wara tiġi oħra.

2.1.9. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-*one-way* fis-*service road* u fi Triq in-Nases toħloq aktar problemi milli ssolvi, peress li min jidħol fi Triq il-Fortizza minn Triq l-Kbira ma jkunx jista' jidħol fl-ebda parti ta' Triq in-Nases. Kien hemm qbil ukoll li għandha tiġi mistħarġa l-possibiltà li tiġi nstallata *camera*.

## 2.2.1. Rikostruzzjoni tal-parti t'isfel ta' Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/7/Vol III)

2.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.5.2. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk kienx hemm xi data stabbilita meta ser jinbeda x-xogħol minn Infrastructure Malta fil-parti tat-triq imsemmija.

2.2.3. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar il-pjanijiet li hemm dwar il-*culverts* għall-ilma tax-xita, peress li saru marki biż-żebgħa fuq in-naħa tax-xellug tat-triq int u nieżel.

2.2.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal illi fil-kuntatti li kien hemm ma' Infrastructure Malta kien sar aċċenn sabiex isiru spralli ħalli jinġabru l-ilmijiet li jinżlu minn Triq il-Qalb Imqaddsa u Triq San Publiju. Dawn iridu jitqabblu ma' żewġ pajpijiet kbar li kienu saru xi snin qabel aktar 'il fuq fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

2.2.5. Is-Sindku wieġeb li x-xogħlijiet iridu jitwettqu qabel jibda s-sajf u possibilment qabel jintemmu r-restrizzjonijiet imposti fuq l-lukandi u stabbilimenti oħra b'rabta mal-Covid-19.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 3.1.1. Ipparkjar faċċata ta' garaxx Nru. 211 Triq il-Mitħna l-Ġdida T/3/2/1/Vol III)

3.1.2. Il-Kunsillier G. Micallef, permezz ta' imejl datat 9 ta' April 2021 staqsa għaliex saru linji sofor doppji quddiem l-indirizz imsemmi.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li kien hemm talba minn sid ta' garaxx sabiex isiru l-imsemmija linji għaliex ma setax idaħħal il-vettura tiegħu billi l-wisa' tat-triq huwa biss 4.65 metri. Dan l-arranġament kien approvat minn Transport Malta, u bħalu diġa jeżisti quddiem garaxxijiet oħra fl-istess triq.

3.1.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 3.2.1. Proġett WiFi4EU (I/3/Vol V)

3.2.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk kienx immaterjalizza l-proġett imsemmi li jinvolvi installazzjoni ta' *wi-fi access points* f'postijiet pubbliċi.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li kienet saret sejħa għall-offerti minn naħa tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, iżda jidher li ma kienx hemm ir-rispons mixtieq mill-operaturi ekonomiċi f'dan il-qasam, filwaqt li l-ispiża kkwotata kienet tmur lill'hin mill-baġit allokat.

3.2.4. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb tagħrif dwar il-pożizzjoni attwali ta' dan il-proġett minn naħa tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

### 3.3.1. *Dog bins* fid-dħulijiet għall-Park tal-Majjistral (A/4/10)

3.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għas-suġġeriment li huwa għamel fis-Seduta Nru. 22 tad-19 ta' Jannar 2021, sabiex isiru *dog bins* fil-ħames entraturi tal-Park. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm rispons minn naħa tat-tmexxija tal-Park tal-Majjistral.

3.3.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, qal li ser jerġa' iqajjem din it-talba mal-Bord tal-Park.

### 3.4.1. Periklu fuq il-Pont tal-Mistra (T/4/4/Vol II)

3.4.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għas-suġġeriment li huwa għamel sabiex jiġi eliminat il-periklu biex wieħed joħroġ mit-triq tal-Mistra għat-Telgħa ta' Selmun. Huwa fakkar li kien issuġġerixxa l-introduzzjoni ta' *traffic lights* li jiffunzjonaw permezz ta' *sensors* bil-għan li t-traffiku fit-Telgħa ta' Selmun ma jitwaqqafx bla bżonn.

3.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jerġa' jqajjem it-talba ma' Transport Malta.

### 3.5.1. Problemi ta' aċċess fi Triq l-Għar u Casa (T/4/7/Vol III)

3.5.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-punt imqajjem minnu fis-Seduta 22 tad-19 ta' Jannar 2021, meta kien ġibed l-attenzjoni dwar l-istat li tinsab fiħ it-triq imsemmija. Huwa staqsa dwar jekk itteħditx xi azzjoni.

3.5.3. Is-Sindku D. Vella qal li qed isiru kuntatti sabiex jingħata wiċċ temporanju tal-konkos kif kien sar xi snin qabel.

### 3.6.1. Parkeġġ taħt l-estensjoni tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)

3.5.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-konferenza stampa li tat fis-17 ta' Marzu 2021 l-Onor. J. Caruana – Ministru tal-Edukazzjoni – dwar is-suġġett t'hawn fuq. Huwa qal li l-Ministru aċċennat għal-proġett tal-parkeġġ li mhux biss se tkun qiegħda sservi l-ħtieġijiet tal-iskla, imma wkoll għall-ħtiġijiet tal-komunità. Is-Sur Castillo staqsa dwar jekk il-Kunsill għandux pjanti tal-proġett.

3.5.3. Is-Sindku D. Vella wieġeb fin-negattiv, iżda għarraf li huwa talab laqgħa mal-Ministru dwar il-proġett.

### 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 08/04/21;
- Skeda ta' Pagamenti – 15/03/21 – 08/04/21;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 09/02/21 – 01/04/21
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

### 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Arranġamenti tat-traffiku fil-parkeġġ tal-Armier iż-Żgħir (T/4/7/Vol III)

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat l-1 ta April 2021 dwar żewġ alternattivi li qed tipproponi Transport Malta abbażi tal-proposti mressqa mill-Kunsill aktar kmieni. Il-pjanti relattivi ġew

imressqa quddiem il-Kunsill u kienu juru proposta bil-formazzjoni *fish-bone* li tinkludi 76 spazju għall-ipparkjar, kif ukoll alternattiva oħra bil-postijiet perpendikulari, li takkomoda 65 post.

5.1.3. Il-Kunsill iddeċieda li jmur għall-formazzjoni *fishbone*, peress li tagħmilha aktar diffiċli li jipparkjaw *caravans* u *campers* b'tined u għamara oħra magħhom. Kien hemm qbil ukoll li x-xagħra li hemm fuq wara għandha tiġi iżolata mill-parkeġġ permezz ta' faxxa bil-konkos, u possibilment 'il ġewwa minnha jitħawwlu s-siġar.

### 5.2.1. Installazzjoni ta' *charging pillars* (V/4)

5.2.2. Permezz ta' imejl datat 22 ta' Marzu 2021, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għarrfet li l-Ministeru għall-Enerġija qed jitlob li l-Kunsill jindika sa ħames postijiet fejn jistgħu jsiru *charging pillars*. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li fis-Seduta Nru. 23 tal-15 ta' Frar 2021 ġew indikati żewġ postijiet - wieħed fi Triq il-Marfa fil-parti ċentrali tal-Bajja tal-Għadira, u ieħor f'Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata. Huwa ppropona tnejn oħra fil-parkeġġ tal-Għadira.

5.2.3. Il-Kunsill, iddeċieda li għandhom jiġu proposti *charging pillars* fil-parkeġġi segwenti:

- Parkeġġ tal-Għadira (2);
- Triq Qasam Barrani (1);
- Triq l-Gholjiet k/m Triq l-Etna (1); u
- Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (1).

### 5.3.1. Tismija ta' toroq fiż-żona Ta' Masrija (T/4/1/Vol III)

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet dwar l-estensjoni tal-Triq in-Nases sabiex l-isem ikun jinkludi dik il-parti bejn Triq tas-Salib u Triq il-Kbira. Din il-proposta kienet ġiet approvata mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq u mistenni li titħabbar dalwaqt fil-Gazzetta tal-Gvern.

5.3.3. Is-Sur C. Debono għarraf li ntalbet kjarifika mingħand l-istess kumitat dwar l-isem ta' triq li tinsab bejn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u Triq in-Nases. Irriżulta li din għadha bla isem u għalhekk il-Kunsill intalab jirrakkomanda isem preferut, kif ukoll it-tieni preferenza.

5.3.4. Il-Kunsill qabel li l-ewwel preferenza għandha jkun l-isem ta' "Triq Ta' Fuq il-Miġduma", kif kienu magħruf dawk l-inħawi, filwaqt li t-tieni preferenza tkun "Triq Widnet il-Baħar", il-pjanta nazzjonali.

### 5.4.1. PA 2160/21 – Studju dwar rifornimet tar-ramel u bini ta' lqugħ fil-Bajja tal-Għadira (P/5/8/G)

5.4.2. Saret referenza għal ittra datata 26 ta' Marzu 2021 dwar applikazzjoni sabiex isir studju li jinvolvi l-irkupru tar-ramel u l-bini ta' lqugħ (*groyn*) fil-Bajja tal-Għadira. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li l-Kunsill preċedenti kien talab konsulenza dwar din il-materja. Aċċenna wkoll li l-involviment tal-Kunsill huwa meħtieġ f'dan l-istadju, peress li għad jridu jitfasslu t-termini ta' referenza tal-istudju mitlub.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-applikant bil-parteċipazzjoni tal-konsulent mqabbad mill-Kunsill.

### 5.5.1. Fondi għall-iffinanzjar ta' progetti fil-lokalitajiet (F/1/7/Vol V)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 10 ta' Marzu 2021 mibgħut mill-LESA dwar l-iskema msemmija, li fost proġetti oħra jistgħu jibbenefikaw minnha inizjattivi li jinvolvu:

- Użu ta' apparat modern u sistemi ta' sorveljanza sabiex titnaqqas il-kriminalità u l-vandaliżmu; u
- Introduzzjoni u titjib ta' miżuri ta' sigurtà relatati mat-traffiku.

5.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna għall-proġett li għaddejjin il-konsultazzjonijiet dwaru, u li jinvolvi l-introduzzjoni ta' CCTV cameras fi Triq Ġorġ Borg Olivier, il-*bring-in site* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, fil-Park tal-Familja u fi Ġnien Dun Anton Debono. Is-Sur C. Debono qal li skont l-Estimi 2021 din l-inizjattiva għandha tiġi ffinanzjata mill-fondi tal-Kunsill u għalhekk staqsa, dwar jekk dan jistax jiġi ffinanzjat parzjalment mill-Iskema tal-LESA.

5.5.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.5.3. u għalhekk għandha titressaq applikazzjoni għal dan l-effett.

## 5.6.1. Kontroll fuq l-ikkampjar u *picnics* ġewwa l-Aħrax (C/4/Vol IV)

5.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni dwar abbużi li qed jiġru, partikularment fi tmiem-il ġimgħa, f'dak li huwa remi ta' skart fl-inħawi tal-Aħrax kollha, li jekk ser jitħalla għaddej ser jikkawża danni rreparabbli ambjentali. Għaldaqstant, hija ssuġġeriet li b'mod immedjat, il-Kunsill għandu jitlob servizz imħallas bil-għan li jsiru *patrols* fis-Sibtijiet u l-Ħdud matul ix-xhar ta' Mejju, bejn nofsinhar u t-8:00 pm. Hija pproponiet ukoll għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Ministri konċernati sabiex jiġu nfurmati li l-Kunsill lest li jiffinanzja s-servizz indikat għal perjodu ta' erba' ġimgħat, sakemm il-gwardjani li hemm provdut għalihom fil-ftehim li sar bejn il-Federazzjoni tal-Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti u l-gvern, jiġu mpjegati. Hija stmat li dan is-servizz jiġi jiswa €8,000 u jista' jiġi ffinanzjat mid-dħul li jkun hemm tal-permessi, wara li jsir aġġustament l-Estimi 2021, anke jekk dan ikun jitlob li jiġu sospiżi attivitajiet kulturali li jsiru matul is-sena.

5.6.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ikkummentat li Ambjent Malta aġġustaw l-ħinijiet tal-gwardjani impjegati minnu, sabiex jinkludu s-Sibtijiet u l-Ħdud. Hija pproponiet ukoll li l-FKNK għandhom jiġu mistoqsija dwar x'inhuma l-pjanijiet tagħhom f'dan ir-rigward wara l-iffirmar tal-ftehim mal-gvern.

5.6.4. Il-Kunsillier G. Micallef, qal li huwa ma' jaqbilx li l-Kunsill għandu jabbanduna l-pjanijiet tiegħu u jagħmel tajjeb bil-fondi tiegħu għal nuqqasijiet ta' min hu responsabiltà għaż-żoni tal-Aħrax u l-Miżieb.

5.6.5. Il-Kunsillier I. Castillo kkummenta li huwa jaqbel perfettament mal-opinjoni skont il-minuta 5.6.4. filwaqt li kompla jgħid illi jekk ser isiru talbiet lill-Ministri konċernati, dawn għandu jkunu għal finanzjament ta' miżuri temporanji, sakemm il-mekkaniżmu li hemm provdut għalih fil-ftehim bejn l-FKNK u l-gvern jiġi mplimentat b'mod sħiħ.

5.6.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandu jistenna r-riżultat tat-tibdil fil-ħinijiet tax-xogħol tal-gwardjani mpjegati minn Ambjent Malta, li sussegwentement se jkun issupplimentant minn gwardjani oħra li hemm provdut għalihom fil-ftehim li sar bejn l-FKNK u l-gvern.

## 5.7.1. Żvilupp mill-ġdid tal-kumpless Ħal Ferħ (P/5/1/Vol IV)

5.7.2. Is-Sindku D. Vella għarraf illi d-diriġenti tal-Corintha Group of Companies jixtieqxu jiltaqgħu mal-Kunsill sabiex jispjegaw l-pjanijiet tagħhom dwar dan il-proġett.

5.7.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa fil-15 ta' April 2021 fis-6.00 pm.

## 5.8.1. Kompetizzjoni fil-magazin "Mill-Qiegħa għat-Tfal" (P/3/2/Vol V)

5.8.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini pproponiet li l-premju marbut mal-kompetizzjoni fil-pubblikazzjoni msemmija jiżdied minn €30 għal €40.

5.8.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.9.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)

5.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fiż-żjara li saret mill-unit tad-demm fil-Mellieħa, fil-31 ta' Marzu 2021, kien hemm 28 donatur. Hija qalet ukoll li ż-żjara li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 7 ta Ġunju 2021, li hija festa pubblika.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. Tqegħid ta' *litter u dog bins* (L/5/Vol II)

5.10.2. Il-Kunsillier M. Abela aċċenna li ma jeżistux *dog bins* fi Triq il-Pont u *litter bins* fi Triq id-Dahar qrib it-Torri l-Aħmar.

5.10.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li hemm nuqqas ta' *dog bins* mal-*promenade* tal-Għadira.

5.10.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi verifikat fuq il-post jekk diġa jeżistux *dog bins* matul il-*promenade* tal-Għadira, kif ukoll fi Triq il-Pont u fil-madwar. Fir-rigward ta' Triq id-Dahar, il-Kunsill deherlu li l-introduzzjoni ta' *litter bins* f'dan il-post jikkawża kumulu ta' skart, kif qed isir madwar l-*bin-on-wheel* li tpoġġiet fejn it-Torri l-Aħmar.

### 5.11.1. *Hoarding* fi Triq il-Kappillan Magri k/m Triq Sant' Anna (A/6/3/1/Vol 135)

5.11.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li l-blokki tal-konkos li tpoġġew madwar qatgħa li qed tiġi żviluppata fil-post indikat, neħħiet għal kollox il-viżibilità tas-sewwieqa u rrendiet din il-kantuniera suxxettibli għall-kolliżjonijiet. Għaldaqstant ġie ssuġġerit li l-blokki li tpoġġew eżatt fil-kantuniera jinbidlu ma' barrikata b'xibka tal-ħadid.

5.11.3. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kuntatt mal-iżviluppatur konċernat sabiex jinstab rimedju.

### 5.12.1. Arbli fi Triq il-Biedja fil-Manikata (E/1/Vol III)(T/2)

5.12.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna li twaħħlu erba' arbli fuq il-bankina fi Triq il-Biedja, bir-riżultat li din ma tistax tintuża, apparti illi estetikament ma jmorrux. Tlieta minn dawn jappartjenu lill-GO plc u wieħed lill-Enemalta plc. Huwa ppropona li l-*cables* illi hemm magħhom jiġu mgħoddija minn taħt l-art.

5.12.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-entitajiet konċernati.

### 5.13.1. Skema dwar manutenzjoni ta' kompjuters għar-residenti (K/16)

5.13.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 21 dwar is-suġġett t'hawn fuq.

5.13.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li permezz ta' imejl datat 22 ta' Marzu 2021, it-Taqsima tal-Monitoraġġ u Sapport fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ġibdet l-attenzjoni li "tali funzjoni mhix fir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali u għalhekk ma jistgħux jintefqu fondi pubbliċi mill-Kunsill Lokali għal dan il-għan.". Sussegwentement, permezz ta' imejl ieħor datat 26 ta' Marzu 2021, l-istess Diviżjoni qalet li "il-materja ġiet evalwata mill-ġdid qiegħed jiġi komunikat illi tali akkwist jista' jitqies bħala servizz komunitarju fejn il-Kunsill Lokali irid jagħti prijorità lil persuni l-aktar li huma vulnerabbli fis-soċjetà.

5.13.4. Is-Sur C. Debono aċċenna li fl-imsemmi imejl tas-26 ta' Marzu, ma ġie ndikat ebda kriterju li għandu jiġi addottat sabiex jiġi stabbilit minn huma dawk "il-persuni l-aktar li huma vulnerabbli fis-soċjetà.". Huwa kompla jgħid li huwa kellu kuntatti ma' kunsilli lokali oħra li qed jagħtu s-servizz, fejn il-kuntrattur inkarigat qed jirrifjuta li jagħti tagħrif dwar il-persuni li qed jirrikorru għal dan is-servizz, bil-għan li tkun tista' issir verifika jekk dan huwiex

verament jingħata. Huwa esprima r-riżervi tiegħu li jingħata servizz fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni. Huwa għamilha qal li jagħmel sens li minn jirrendi s-servizz ikun mil-lokalità stess, jew f'distanza raġġjonevoli.

5.13.5. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li għandu jiġi stabbilit minn fejn ser jitwarrab baġit li jiffinanzja din l-inizjattiva, billi dan ma kienx maħsub meta ġew approvati l-Estimi 2021. Kif dan jiġi stabbilit, għandha ssir sejħa pubblika għall-istimi bi kriterji ċari rigward l-obbligu tal-kuntrattur li tingħata nformazzjoni dwar il-persuni residenti fil-lokalità li jibbenefikaw minn servizz li jkun jikkonsisti minn:

- Manutenzjoni Ġenerali;
- Tindif tal-*hardware*;
- Ifformattjar mill-ġdid ta' *hard drives*;
- Tneħħija ta' *viruses*; u
- Installazzjoni ta' *software* kontra l-*viruses*.

**5.14.1. Sigurtà għat-tfal tal-iskola fi Triq Qasam Barrani (T/3/2/1/Vol XVI)**

5.14.2. Il-Kunsillier G. Micallef rrefera għall-oġġezzjoni ta' Transport Malta dwar l-introduzzjoni tat-tieni *pedestrian crossing* fit-triq imsemmija sabiex tiġi qrib d-daħla taċ-*Child Care Centre*. Huwa ppropona li għandha titressaq talba oħra sabiex għallinqas isiru *speed humps* fl-aktar postijiet sensittivi.

5.14.3. Is-Sindku ppropona li jsiru *rumble strips* bħala alternattiva għall-i*speed humps*, li hija miżura anqas drastika, filwaqt li mhemmx residenti fil-madwar.

5.14.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li ħxuna tar-*rumble strips* tista' tvarja skont il-ħtieġa u ċ-ċirkostanzi tat-triq.

5.14.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandha tintalab rikonsiderazzjoni tat-talba dwar l-introduzzjoni ta' *pedestrian crossing*.

**5.15.1. Promozzjoni għall-Mellieħa mill-EDEN Network (T/12/2/Vol II)**

5.15.2. l-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-*European Destination of Excellence Network* talbu ritratti tal-lokalità sabiex tingħata promozzjoni permezz ta' media soċjali.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.16.1. Korsijiet – Tagħlim tul-il Ħajja - *Lifelong Learning* 2021/22 (E/3/1/5/Vol II)**

5.16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li ġie ppubblikat l-propectus dwar il-korsijiet imsemmija u għal darba oħra intwera interess dwar il-Malti u l-Ingliż għall-barranin u fil-konverżazzjoni bil-Malti. Hija qalet li dawn il-korsijiet ser ikunu għal studenti minn ħmistax-il sena 'il fuq.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Pubblikazzjoni dwar il-flora u l-fawna fil-Park tal-Majjistral (A/4/10)**

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li ġie ppubblikat ktieb ġdid bil-Malti u bl-Ingliż fuq il-flora u l-fawna li wieħed jista' jsib fil-Park tal-Majjistral, u l-bijodiversità fil-Gżejjer Maltin. Hija ppproponiet li jkun hemm kopja tiegħu fil-liberija pubblika, kif ukoll jiġu akkwistati numru ta' kopji oħra biex jingħataw f'okkażjonijiet li jinqagħu.

5.17.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.18.1. Tindif volontarju fi Triq Selmun (A/4/10)

5.18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li Din l-Art Ħelwa (Mellieħa) qed jagħmlu tindif volontarju b'mod regolari, bħal fil-każ ta' Triq Selmun, li qed inaddfuha darbtejn fil-ġimgħa. Hija pproponiet li l-Kunsill jipprovdi *high visibility vests* lill-persuni konċernati.

5.18.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.19.1. *Bin-on-wheels* privati fi Triq Daħlet ix-Xmajjar (C/4/Vol IV)

5.19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-*bin-on-wheels* li jappartjenu lil żona ta' kampeġġ privata fl-inħawi msemmija. Hija qalet li persuni residenti fil-qrib qed jagħmlu użu minnha wkoll. Kompliet tgħid li dawn il-*bins* qed ikun hemm ħafna skart madwarhom u jagħtu dehra kerha lill-post.

5.19.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-*bins* għandhom ikun magħluqa bi struttura temporanja tal-injam sabiex jiġi żgurat li dawn jintużaw mill-operatur tal-kumpless biss.

### 6.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini li tgħid:

***Billi l-kuntratt attwali dwar il-ġarr tal-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fil-Mellieħa, għaddielu t-terminu tiegħu;***

***Billi saret sejħa għall-istimi MLC 1/2021 skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), filwaqt li ġiet ivvutata somma fl-Estimi għas-sena 2021, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3380; u***

***Billi saret evalwazzjoni tas-seba' offerti li ġew sottomessi, li permezz tagħha rriżulta li l-offerta (149871) ta' Irideto Ltd kienet l-aktar waħda bi prezz baxx u konformi mar-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi inklużi fid-dokument tal-akkwist;***

***Jirriżolvi illi l-kuntratt għandu jingħata lill-kumpanija msemmija, illi jinvolvi spiża massima ta' €10,000, eskluża l-V.A.T."*** **(A/1/2/Vol IV)**

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-offerent Irideto Ltd ġie mgħarraf bl-intenzjoni tal-Kunsill li jitlob is-servizzi tiegħu. L-istess offerent ikkonferma l-offerta finanzjarja tiegħu u lest li jaċċetta l-inkarigu.

6.3. Fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti, kif ukoll it-tagħrif mogħti skont il-minuta preċedenti, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

### 7.1. Sejħa għall-offerti MLC 2/2021 – Żvilupp ta' *Green Infrastructure Solution*, tħawwil ta' siġar fil-Park tal-Familja, b'mezzi li ma jikkawżawx dannu lill-ambjent, zvilupp ta' ġnien tal-komunità fil Ġnien il-Qigħan, flimkien ma' sessjonijiet edukattivi dwar l-iskop tal-proġett MAGF/4/005 (P/10/34)

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li għal din is-sejħa wieġbu tliet offerenti kif jidher hawn taħt:

| Offerta Nru. | Operatur Ekonomiku | Prezz Offrut (V.A.T. Eskluża) |
|---|---|---|
| 151447 | Carmelo Attard | 41,100.00 |
| 151361 | The Doric Studio | 83,850.00 |
| 151209 | Medisun Landscapes Ltd | 119,750.00 |

7.3. Il-Kunsill ġie mfakkar li s-somma allokata skont il-ftehim dwar l-għotja huwa €43,156 mingħajr il-V.A.T., kif ukoll li s-sottomissjonijiet li sar ġew mgħoddija lill-perit inkarigat għar-rapport tekniku tiegħu.

7.4. F'dan l-istadju, il-Kunsill ikkonferma li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni, kif maħtur fis-Seduta Nru. 1 tal-4 ta' Lulju 2019, ikun magħmul mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillier E. Bartolo, wara li dawn iddikjaraw li m'għandhomx konflitt ta' interess.

## 8.1. Laqgħa Annwali tal-Lokalità (F/1/1/Vol IV)

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-Artiklu 70 tal-Att dwar l-Gvern Lokali jgħid li li waħda mill-laqgħat annwali tal-lokalità trid issir sal-15 ta' April bil-għan li jiġi ppreżentat ir-rapport amministrattiv u finanzjarju 2020, flimkien mal-pjan ta' ħidma. Ġie spjegat li skont il-proċeduri, ir-rapport finanzjarju jeħtieġ li jkun dak wara li ssir il-verifika mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Dan sa issa għadu mhux konkluż, peress li l-eżerċizzju tal-verifika huwa skedat li jibda fl-24 ta' Mejju 2021. Minkejja dan, is-Sur C. Debono ħeġġeġ lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex iħejju r-rapport ta' tagħha matul l-2020.

8.2. Il-Kunsill innota l-punt imqajjem u qabel li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalità tiġi posposta sakemm l-Istqarrijiet Finanzjarji verifikati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ikunu tħejjew.

## 9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 8 ta' April 2021.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-15 ta' Marzu u t-8 ta' April 2021.

9.5. Tressqet ukoll skeda ta infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn id-9 ta' Frar u l-1 ta' April 2021.

9.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u_l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, is-seduta spiċċat fid-09:35 pm u l-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju 2021 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |